# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis 27 ta' April, 2023**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Guramentat Numru:- 377/2022 JVC**

Felicia Doneo (K.I. 346169 M)

**vs**

Danny David Doneo (K.I. 119886 M)
U
Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Felicia Donero premettiet u talbet kif isegwi:

‘DIKJARAZZJONI

L-attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat Danny David Doneo nhar it-tnax ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (12.07.1991) fil-Knisja ta’ Sant’ Agatha gewwa r-Rabat Malta;

2. illi r-rikorrenti u l-intimat Doneo kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat id-dsatax ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija disa’ u dighin (19.10.1999) in atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras;

3. illi nhar it-tlettax ta’ Awissu tas-sena elfejn u tnejn (13.08.2022) l-intimat Direttur rcieva talba minn allegat Avukat Edmond Vassallo ghan-nom ta’ l-intimat Doneo sabiex in forza ta’ allegat sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti z-zwieg tar-rikorrenti ma’ l-intimat gie dikjarat null;

4. illi fil-fatt qatt ma giet pprezentata u ghalhekk deciza kawza ghall-annulament taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat Doneo u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

5. illi r-rikorrenti saret taf li l-kunjom taghha inbidel fuq ic-“Central Database” konsegwenza ghall-annotazzjoni maghmula mill-intimat Direttur minn “Doneo” ghal “Grech”;

6. illi minn ricerka maghmula mir-rikorrenti fir-Registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) rrizulta li fil-fatt ma kien hemm l-ebda kawza u ghalhekk lanqas sentenza ta' annulament ghaz-zwieg taghha mar-rikorrenti;

7. illi r-rikorrenti ghamlet rapport lill-Pulizija Ezekuttiva u fil-fatt hemm proceduri kriminali pendent fil-konfront ta' l-intimat Doneo;

8. illi l-bdil tal-kunjom minn "Doneo" ghal "Grech" sar minghajr effettivament l-ghazla tar-rikorrenti skond l-Artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss a bazi ta' dokumentazzjoni dwar allegat kawza deciza minn din l-Onorabbli Qorti u dikjarazzjoni falza li l-istess kawza ma gietx appellata

RAĠUNI TAT-TALBA

(i) Illi c-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti gie korrett permezz ta' annotazzjoni u konsegwentament gie dikjarat li z-zwieg taghha minn ma' l-intimat huwa annulat meta kif ser jirrizulta la qatt kien hemm kawza ta' annulament u lanqas sentenza moghtija mill-Qrati Maltin kif hemm hekk dikjarat fuq l-istess certifikat taz-zwieg rilaxxat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku.

TALBIET

Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti, jew minn minnhom, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-ebda sentenza ma giet ppronunzjata mill-Qrati Maltin li permezz taghha z-zwieg bejn ir-rikorrenti Felicia Doneo

nee' Grech u l-intimat Danny David Doneo gie dikjarat null;

2. Tiddikjara li kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula lill-intimat Direttur hija skoretta jew falsifikata u li ghalhekk is-sentenza lilu pprezentata kif ukoll ic-certifikat li m'hemmx appell mhumiex kopja vera kif hemm dikjarat fuq l-att ta' zwieg tar-rikorrenti mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1212 tas-sena 1991 (Dok A); u

3. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-att ta' zwieg tar-rikorrenti mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1212 tas-sena 1991 (Dok A) billi taht il-kolonna "Annotazzjonijiet" tigi mhassra l-informazzjoni kollha jew altrimenti ssir Annotazzjoni addizzjonali hekk kif din l-Onorabbli Qorti tista' tordna

Bl-ispejjes.

Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandha tindika fuq liema artikoli legali qiegħda ssejjes it-talbiet tagħha, u jirriżerva d-dritt illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba tirriżulta l-ħtieġa;

2. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1212/1991, ir-rikorrenti żżewġet lil Danny David Doneo nhar it-12 ta' Lulju 1991 ġewwa r-Rabat f'Malta, u skont il-liġi *in vigore* dak iż-żmien, ħadet kunjomu 'Doneo'. Eventwalment, skont l-annotazzjonijiet fuq l-istess Att taż-Żwieġ, li jinsab anness mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkat Dok. A, in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 19 ta' Frar 2002, li għaddiet in ġudikat, ġie ddikjarat u deċiż li ż-żwieġ huwa null u bla effett. Tali annotazzjoni hija datata 13 t'Awissu 2002;

4. Illi fis-27 ta' Settembru 2002, l-istess Danny David Doneo żżewweġ għat-tieni darba f'Malta lil Clara Vella, li wkoll ħadet kunjomu 'Doneo';

5. Illi eventwalment, ir-rikorrenti bdiet tisħaq illi qatt ma kienet ġiet deċiża kawża ta' annullament rigwardanti ż-żwieġ tagħha mal-intimat l-ieħor f'dawn il-proċeduri, u għalhekk id-dipartiment kien informa lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tinvestiga d-dokumentazzjoni tal-annullament li kienet ippreżentata lilu, billi f'dak l-istadju qam suspett li l-istess dokumentazzjoni setgħat ġiet iffalsifikata. F'dan ir-rigward jidher li hemm proċeduri kriminali pendenti *sub-judice*;

6. Illi in vista tal-premess, fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, jidher li għadhom ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji disponibbli, stante illi dak li qed jiġi mitlub minn din l-Onorabbli Qorti qiegħed jiġi mistħarreġ mill-Qorti ta kompetenza Kriminali, u għad m'hemmx eżitu;

8. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent huwa tal-umli fehma illi kwalunkwe korrezzjoni li tista' tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti għandha ssir permezz ta' annotazzjoni addizjonali u mhux billi titħassar l-annotazzjoni attwali, stante illi diġa' nħarġu atti tal-istat ċivili oħrajn a bażi tal-annotazzjoni msemmija;

9. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri istanti billi ma kien hemm ebda nuqqas da parti tiegħu;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi jew l-intimat Doneo, b'dan illi l-attriċi qiegħda minn issa tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat il-pubblikazzjoni esebita a fol. 10 tal-process.

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2022 l-Qorti vverifikat li l-intimat Danny David Doneo gie debitament notifikat nhar l-24 ta' Gunju, 2022. Rat li l-istess intimat Doneo ma prezenta l-ebda risposta fit-terminu mpost fuqu w'ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat illi fil-verbal datat 2 ta' Marzu 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti ssostni li c-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti mal-intimat Danny David Doneo gie korrett permezz ta' annotazzjoni u konsegwentement gie dikjarat li z-zwieg taghha minn mal-intimat gie annullat abbazi ta' sentenza, allegatament falza, li giet registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku u li konsegwenza ta' hekk id-Direttur ghaddha sabiex awtomatikament jirregistra lir-rikorrenti lura b'kunjom xbubitha 'Grech' flok dak ta' mizzewga 'Doneo'. Ir-rikorrenti ssostni li qatt ma kien hemm proceduri ta' annullament bejn il-partijiet u li allura qatt ma seta' kien hemm decizjoni ta' Qorti kompetenti li setghet legalment tigi registrata mad-Direttur intimat. Titlob ghalhekk li jigi dikjarat li d-dokumenti koncernati huma foloz u li l-annotazzjoni fic-certifikat taz-zwieg tal-annullament taz-zwieg tigi kkancellata jew fin-nuqqas issir annotazzjoni sabiex tirrifletti l-verita' u cioe' li z-zwieg ghadu validu u qatt ma kien annullat.

Id-Direttur intimat iressaq numru ta' eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu jinsisti li huwa rregistra dak li wasal fid-Dipartiment fit-termini tal-ligi applikabbli.

Ghal dak li huma fatti tal-kaz il-Qorti rat ic-certifikat taz-zwieg koncernat esebit a fol. 7 tal-process u wkoll fl-original tieghu a fol. 61 tal-process fejn fil-kolonna tal-Annotazzjonijiet jaqra kif isegwi:

'B'Talba ta' Dr. Edmond Vassallo ghan-nom ta' Danny Daniel Doneo jigi nnutat li in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Felicity Doneo vs. Danny David Doneo moghtija fis-19 ta' Frar 2002 li saret definittiva gie dikjarat u deciz illi d-

dikontru zwieg kontrattat bejn Danny Doneo u Felicia Grech huwa null u bla ebda effett skond il-ligi.

Kopja Vera tas-sentenza u tac-certifikat li m'hemmx appell jinsabu mehmuza flimkien mat-talba mal-original ta' dan l–att.

13 ta' Awissu 2002
A. Dingli'

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat id-19 ta' Ottubru, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras a fol. 8 et seq tal-process. Il-Qorti vverifikat li f'dan il-kuntratt ma tnizzel xejn dwar kunjom il-mara b'dana li allura mal-att hija baqghet izzomm kunjomha mizzewga cioe' Doneo. Dan tikkonfermah l-istess rikorrenti fl-affidavit taghha fl-atti.

Rat appuntu l-affidavit tar-rikorrenti **Felicia Doneo** a fol. 14 et seq tal-process. Hija tixhed kif wara z-zwieg baqghet izzomm u tuza l-kunjom Doneo fid-dokumentazzjoni ufficcjali taghha nkluz karta tal-identa' u licenzja tas-sewqan. Tghid li kien biss meta marret biex taghmel passaport li giet infurmata li kunjomha ma kienx ghadu Doneo izda gie Grech ghaliex kien hemm sentenza ta' annullament li giet registrata. Izzid li l-awtoritajiet tal-passaporti qalulha sabiex tmur tivverifika dan mal-Qorti. Tghid li tkellmet mal-avukat taghha u dan ghamel ricerka fil-Qorti u ma sab l-ebda decizjoni ta' annullament taz-zwieg. Konsegwenti ghal dan saru talbiet ukoll sabiex jittiehdu passi kriminali bil-pulizija fil-konfront tal-intimat Doneo liema procedure ghadhom pendenti. Tghid li minhabba l-bidla fil-kunjom hija ma marritx iggedded id-dokumenti taghha u rizultat ta' hekk anki tilfet l-impjieg taghha ghaliex kien jirrikjedi li kultant zmien tiprezenta l-kondotta tal-Pulizija. Tixhed li hija saret taf ukoll li l-intimat rega' zzewweg.

Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mir-rikorrenti mal-affidavit taghha a fol. 16 et seq tal-process fosthom dikjarazzjoni mill-ufficcju tal-kondotti u kopji tad-dokumentazzjoni ufficjali taghha u tal-banek li lkoll juru kunjom ir-rikorrenti bhala dak ta' Doneo u jgibu dati wara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Rat li a fol. 183 et seq tal-process xehed **Michele Catania** in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku. Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni li permezz taghha gie registrat l-allegat annullament bejn il-partijiet:

(i) Fol. 53: Ittra ffirmata minn Dr. Edward Vassallo ndirizzata lid-Direttur tar-Registru Pubbkliku datata 9 ta' awwissu 23002 u li taqra kif isegwi:

'Qieghed nikteb ghan-nom tal-klijent teighi Mr. Danny Daniel Doneo biex sabiex, ai termini,ta' Sezzjoni 295 tal-Kodici Civili ta' Malta jigi rregistrat l-Annullament taz-zwieg li sehh bejn Danny u Felicity Doneo fit-12 ta' Lulju 1991 fil-Knisja ta' Sant' Agatha, r-Rabat.

Dan skond is-sentenza ta' l-onorabbli Qorti tad- 19 ta' Frar 2002 ippresjeduta mill-onorevoli imhallef Dr. Noel V. Arrigo LL.D.'

(ii) Fol. 54: Allegata dikjarazzjoni mahruga mill-Qrati tal-Guztizzja li tikkonferma li ma sar l-ebda appell mid-decizjoni fl-ismijiet Felicity Doneo vs. Danny Daniel Doneo u jigi ndikat in-numru tac-citazzjoni 1498/99NA u li skond din id-dikjarazzjoni din id-decizjoni nghatat nhar id-19 ta' Frar, 2002.

(iii) Fol. 55: Allegata decizjoni tal-Imhallef Noel V. Arrigo li tidher datata 19 ta' Frar, 2002 fejn ir-rikorrenti tidher indikata bhala Felicity Phillis sive Agnes Doneo u l-intimat bhala Danny Daniel Doneo. Skond din id-decizjoni kienet l-istess rikorrenti li fethet il-kawza ghall-annullament nhar it-30 ta' Ottubru 1999 Skont l-istess decizjoni l-intimat Doneo kien kontumaci wkoll f'dawk il-proceduri. Jidher ukoll li f'dawn il-proceduri suppost kien nominat Perit Legali ghalkemm mhux indikat l-isem. In konluzjoni f'din is-sentenza jinghad kif isegwi:

'1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelabrat bejn il-kontendenti fit-12 ta Lulju 1991 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255;

2. konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att relattiv taz-zwieg.'

Rat in-nota ta' **Stephania Calafato Testa**, assistent registratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali li permezz taghha esebiet kopja tal-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-intimat Danny David Doneo esebiti a fol. 63 et seq tal-process. Hadet ukoll nota tal-istess atti li jikkonfermaw dak li xehdet ir-rikorrenti u cioe' li fuq l-istess fatti odjerni ttiehdu proceduri kriminali kontra l-intimat Doneo li ghadhom pendenti. In succinct l-akkuzi huma ta' falsifikazzjoni tal-atti suesposti, gurament falz u wkoll akkuzi ta' bigamija.

Illi mix-xhieda fl-atti kriminali jirrizulta mix-xhieda ta' Neil Harrison li skont hu ma jezistix avukat bl-isem ta' Dr. Edward Vassallo li suppost bghat l-ittra biex tigi registrata d-decizjoni tal-annullament taz-zwieg. L-istess xhud jikkonferma li wara r-

registrazzjoni, Danny David Dono kien rega' zzewweg bir-rit civili fis-27 ta' Settembru, 2002.

Qrat ix-xhieda kollha fl-atti kriminali. Rat partikolarment ix-xhieda tal-ex-Prim-Imhallef **Dr. Noel Arrigo** li xehed li ghalkemm is-sentenza in kwistjoni tixbah lil tieghu jsostni li z-zmien li hi moghtija ma jaghmilx sens fattwali ghaliex kien Prim'Imhallef dak iz-zmien u ma kienx ghadu jaghti sentenzi ta' annullament u li meta kien jaghti dawn is-sentenzi huwa kien inizzel lil min innomina bhala Perit Legali u d-data tal-verbal. In oltre dan ix-xhud ukoll ma jaghrafx il-firma fuq id-decizjoni bhala li tieghu. Jikkonferma wkoll li ma jaghmel l-ebda sens li hemm pagna maqbuza f'din id-decizjoni cioe' l-pagna numru 8.

Rat ukoll ix-xhieda fl-atti kriminali tar-rikorrenti odjerna a fol. 116 et seq tal-process li hafna minnha hija l-istess bhal dak li xehdet fl-affidavit fil-kawza odjerna.

Rat ix-xhieda ta' **Frankie Mercieca** a fol. 121 tal-process li kkonferma li ma sabx fis-sistema tal-Qorti s-sentenza koncernata f'dawk l-ismijiet. L-istess ikkonfermat ix-xhud **Eunice Grech Fiorini** li sostniet li mir-ricerki li ghamlet irrizultalha li dik id-decizjoni bil-cash numru ndikat fuq in-nota tal-appell kienet f'ismijiet diversi mhux fil-kunjom Doneo.

Xehdet ukoll **Joyce Agius** Deputat Registratur u Principal mal-Gvern li kkonfermat li l-firma fuq id-decizjoni mihiex taghha. Tixhed ukoll li fis-sena 2002 lanqas kienet deputat mal-Imhallef Noel Arrigo stante li dak iz-zmien kien gia Prim'Imhallef u kienet ma' gudikant iehor.

A fol. 131 rat ix-xhieda ta' **Maria Lourdes Lautier** li kkonfermat li bejn id-dikjarazzjoni li m'hemmx appell a fol. 54 u d-decizjoni hemm varjazzjoni fl-okkju kif indikat u li kieku dan kien dokument veru ma kienx jghaddi. Tghid izdal li l-firma tidher li taghha.

Rat a fol. 140 et seq ix-xhieda tal-intimat imputat **Danny David Doneo** fl-atti kriminali. Fix-xhieda tieghu jghid li meta gie ghall-annullament mar ghand certu Avukat Edward Vassallo fl-ufficcju ta' Herrera gewwa St. Christopher Street, ghamlu 'brain-storming' u dan infurmah li ser japplikalu kollox hu u talbu Lm 2,800. Jghid li hu mar darbtejn biss ghand Edward Vassallo darba meta qallu x'ried u darba meta hallsu. Izid li ghall-ewwel qallu li dawn il-proceduri jiehdu madwar sentejn, sentejn u nofs mbaghad ftit wara cempillu qallu hemmhekk kienu vicin u li seta' jmur ihallsu. Mbaghad kien cempillu u qallu gibtlek l–annullament u li seta jirregistrah l-insinwa. Jghid li dan kien wara madwar sentejn. Jikkonferma li f'dan il-perijodu qatt ma deher il-Qorti. Isostni wkoll li hu lanqas jaqbel mar-raguni li nghatat ghall-annullament taz-zwieg fis-sentenza in kwistjoni. Jghid li hu s-sentenza qatt ma ra u mar biss Identity Malta jiccekkja li l-istat tieghu kien li huwa annullat u kkonfermawlu. Jikkonferma li l-fatti kif esposti fid-decizjoni in kwistjoni hu qatt ma qalhom u li mihiex l-istorja ta' bejn il-partijiet fiz-zwieg taghhom. Jinsisti wkoll li l-proceduri tal-anullament hu bdihom.

Rat a fol. 152 ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Giglio** li kkonferma li ma jiftakar lil hadd fl-ufficcju ta' Herrera jahdem bl-isem ta' Edward Vassallo.

Rat li skond l-atti kriminali esebiti l-kawza giet deciza fil-prim istanza nhat il-25 ta' Ottubru, 2022. Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-

Magistrati li permezz taghha l-intimat akkuzat Danny Doneo gie liebrat mill-akkuzi ta'falsifikazzjoni u bigamija izda nstab hati ta' gurament falz. Rat li din id-decizjoni giet appellata u li l-appell ghadu pendenti.

A fol. 179 et seq xehed **l-Ispettur Jeffrey Scicluna** li ta spjegazzjoni dwar il-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-intimat Doneo. Jikkonferma li s-sentenza tal-ewwel Qorti giet appellata mill-Avukat Generali.

Rat a fol. 190 tal-process l-affidavt ta' **Vincent Sladden** Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta) li xehed kif isegwi:

'Illi fir-rigward tar-registrazzjoni tal-annullament taz-zwieg li hemm fuq l–att taz-zwieg bin-numru 1212/1991, liema annotazzjoni hija datata 13 t'Awissu 2002, nista' nghid li dak iz-zmien, id-Dipartiment kien mexa skont l-artikolu 295 tal-Kodici Civili sabiex jirregistra l-annullament tal-koppja Danny David Doneo u Felicia Doneo nee' Grech, li jghid li kull sentenza moghtija minn Qorti kompetenti li biha jigi annullat zwieg li jkun irregistrat" ghandha, fuq it-talba ta' kull persuna, tigi registrata b'annotazzjoni fil-margini tar-registru";

Illi l-process ta' registrazzjoni t'annullament ghadu sal-lum il-gurnata wiehed klerilkali, billi l-ligi fl-artikolu 295 (2), tipprovdi illi l-persuna li taghmel it-talba ghandha taghti lid-Direttur kopja awtentika tas-sentenza jew decizjoni ohra relevanti. Jiena personalment ma kontx involut fir-registrazzjoni ta' din is-sentenza partikolari, billi lanqas kont impjegat fid-Dipartiment dak iz-zmien, biss nista' nghid illi kieku d-Dipartiment dak iz-zmien kellu xi suspsett li d-dokumentipprezentat lilu ma kienx

veritier, certament ma kienx ser jipprocedi biex jirregistra l-annullament;

Illi nista' nghid ukoll li llum-il gurnata, bl-Att LXV tal-2020, li permezz tieghu, fid-29 ta' Dicembru 2020, gie mizjud l-artikolu 26A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, d-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jircievi kopja legali tas-sentenzi tal-annullament, u ghalhekk il-legizlatur jidher li ha l-passi mehtiega sabiex kemm jista' jkun, problemi bhal dik mertu tal-proceduri odjerni jigu evitati. Ghalkemm l-artikolu 295 tal-Kodici Civili ghadu fis-sehh, issa zdied ukoll l-artikolu 26A tal-Att dwar iz-Zwieg, li jghid li r-Registratur tal-Qorti ghandu jinnotifika tali decizjonijiet t'annullament lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart'ijiem tax-xoghol mill-gurnata meta decizjoni ssir finali, u bhekk illum ghandna mezz biex nivverifikaw l-awtenticita' tas-sentenzi t'annullament li tkun qed tintalab ir-registrazzjoni taghhom.'

Rat li l-artikolu 295 (1) u (2) tal-Kodici Civili rilevanti ghal kaz odjern li jaqra kif isegwi:

'(1) Kull sentenza jew deċiżjoni oħra mogħtija minn qorti kompetenti li biha żwieġ reġistrat ikun annullat jew ikun milqut l-istat li jirriżulta minnu, għandha, fuq it-talba ta' kull persuna, tiġi reġistrata b'annotazzjoni fil-marġini tar-reġistru:

Iżda fejn jingħataw, mill-qorti ċivili kompetenti, sentenza jew digriet ta' divorzju, dawn għandhom jiġu reġistrati skont l-artikolu 66A(4).

(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha tagħti lid-Direttur kopja awtentika tas-sentenza jew deċiżjoni oħra rilevanti.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi kollha fl-atti jirrizulta ampjament pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li s-sentenza li allegatament tiddikjara n-nullita taz-zwieg bejn il-partijiet esebita a fol. 55 et seq tal-process hija wahda falsifikata, li fil-verita qatt' ma nghatat u wkoll li qatt ma kienet tezisti kawza ghall-annullament ta' zwieg fl-ismijiet indikati. Huwa wkoll sufficjentement pruvat li anki d-dokument a fol .54 tal-process gie b'xi mod iffalsifikat stante la darba qatt ma ezistiet kawza ta' annullament fl-ismijiet indikati certament qatt ma seta jkun hemm dikjarazzjoni genwina li ma gie prezentat l-ebda appell.

Illi mill-konluzjonijiet suesposti rizultanti mill-provi fl-atti jirrizulta allura li r-registrazzjoni maghmula fuq l-att taz-zwieg bejn il-partijiet esebiet a fol. 7 u tal-process taht il-kolonna tal-annotazzjonijiet mihiex konformi mal-artikolu 295 (1) u (2) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mill-anqas ghal zewg ragunijiet:

(i) Illi s-sentenza prezentata lid-Direttur intimat u li fuqha saret l-annotazzjoni ma nghatatx minn Qorti kompetenti anzi hija wahda falza;

(ii) Illi s-sentenza prezentata lid-Direttur intimat u li fuqha saret l-annotazzjoni mihiex kopja awtentika tas-sentenza/decizjoni moghtija mill-Qorti stante li s-sentenza/decizjoni de quo qatt ma ezistiet.

Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-eccezzjoni tat-tielet talba fejn din ser tigi milqugha in parte stante li l-annotazzjoni originali tat-13 ta' Awissu 2002, kif sewwa eccepixxa d-Direttur intimat ma' tistax

tigi kancellata izda trid ssir annotazzjoni ohra li tirrifletti dak li ser jigi deciz fid-decizjoni odjerna kif  isegwi:

'Illi permezz ta' decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Felicia Doneo nee' Grech vs. Danny David Doneo u Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' April, 2023 (Rikors Guramentat numru 377/22 JVC) giet dikjarata nulla u bla effett l-annotazzjoni tat-13 ta' Awissu 2002 kontenenti r-registrazzjoni tal-annullament taz-zwieg bejn Danny David Doneo u Felicia Grech stante li gie deciz li s-sentenza u  d-dokumentazzjoni l-ohra li fuqha giet ibbazata tali annotazzjoni hija wahda falza, b'dana li z-zwieg ta' bejn Danny David Doneo u  Felicia Grech qatt ma gie annullat skonti il-ligi u ghadu validu.  Dan ifisser ukoll li l-mara Felicia Doneo nee' Grech qatt ma rrivertiet jew bil-ligi kellha tirriverti ghall-kunjomha xebba u baqghet dejjem mid-data taz-zwieg bil-kunjom 'Doneo'.'

Illi ghalkemm mill-atti jirrizulta li r-registrazzjoni ta din id-decizjoni iffalsifikata saret mill-intimat jew ghan-nom tal-intimat kontumaci Danny David Doneo, l-Qorti ma tqisx li gie sufficjentement pruvat, almenu sal-grad rikjest mill-ligi, li kien l-istess Danny David Doneo li **konxjament** prezenta lid-Direttur intimat id-dokumentazzjoni falza.  Stante izda li l-annotazzjoni saret ghan-nom tieghu u fuq talba tieghu l-Qorti tqis li ghandu jkun l-intimat Danny David Doneo li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet

kollha tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-ebda sentenza ma giet pronunzjata mill-Qrati Maltin li permezz taghha z-zwieg bejn ir-rikorrenti Felicia Doneo nee' Grech u l-intimat Danny David Doneo gie dikjarat null;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula lill-intimat Direttur hija skoretta jew falsifikata u li ghalhekk is-sentenza lilu pprezentata kif ukoll ic-certifikat li m'hemmx appell mhumiex kopja vera kif hemm dikjarat fuq l-att ta' zwieg tar-rikorrenti mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1212 tas-sena 1991 (Dok A); u

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitament billi tiddikjara l-annotazzjoni tat-13 ta' Awwissu 2002 fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1212 tas-sena 1991 taht il-kolonna "Annotazzjonijiet" hija nulla u bla effett fil-ligi stante li saret fuq dokumentazzjoni falza u tordna li fl-istess att taz-zwieg taht il-kolonna "Annotazzjonijiet" ssir Annotazzjoni addizzjonali kif isegwi:

'Illi permezz ta' decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Felicia Doneo nee' Grech vs. Danny David Doneo u Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' April, 2023 (Rikors Guramentat numru 377/22 JVC) giet dikjarata nulla u bla effett l-annotazzjoni tat-13 ta' Awwissu 2002 kontenenti r-registrazzjoni tal-annullament taz-zwieg bejn Danny David Doneo u Felicia Grech stante li gie deciz li s-sentenza u d-dokumentazzjoni l-ohra li fuqha giet ibbazata tali annotazzjoni hija wahda falza, b'dana li z-zwieg ta' bejn Danny David Doneo u Felicia Grech qatt ma gie annullat skonti il-ligi u ghadu validu. Dan ifisser ukoll li l-mara Felicia Doneo nee' Grech qatt ma rrivertiet jew bil-ligi kellha

tirriverti għall-kunjomha xebba u baqgħet dejjem mid-data taż-żwieġ bil-kunjom 'Doneo'.'

Bl-ispejjeż għar-raġunijiet kif suesposti kontra l-intimat Danny David Doneo.

Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' April 2023**